# ID-DNUB MA JORQODX

Wara li miet żewġha, Ketrin ħadet ħsieb ir-raba' għax uliedha kienu għadhom ma laħqux. Ġiet sena biex tiżra' ftit kittien u dehrilha li ż-żerriegħa li kellha ma kinetx ħaġa. Sejħet lil Sdejru, ħuttab tal-biedja, u staqsietu jekk kellux il-ħila jiksbilha qabda kittien ta' għamnewwel. "Dak mhux kittien li għandek f'dik iċ-ċurniena?" saqsa Sdejru. "Iva kittien, iżda ma f'għajnix minnu, xtaqt żerriegħa oħra; ta' xogħlok titħallas," qaltlu. "Fejn mort b'rasek," qabeż Sdejru, "hux kittien trid, kittien minn l-aħjar inġiblek, għandi għax immur Burmarrad dil-ġimgħa u naf fejn hemm ftit kittien jitkellem. Newwilli dik iċ-ċurniena u nġibhielek mimlija bil-kittien li naf jien. B'żewġ skudi tfieq"

"Ħudha," qaltlu Ketrin, "inħalli f'idejk."

Sdejru ħareġ bid-daħka f'fommu għax kien jaħseb bejnu u bejn ruħu. "Għaqal tan-nisa. Ser naqla' żewġ skudi ta' xejn, għax narġa' lura biċ-ċurniena tagħha, ħa' nara jekk għandhiex il-ħila tagħraf żerriegħa minn oħra."

Ma għaddewx jumejn u Sdejru ġieb lura ċ-ċurniena lil Ketrin: "Hawn xbint, ara kattx rajt żerriegħa bħal din?"

"Ma fihiex xi duda?" saqsiet Ketrin.

"Ifliha," qal Sdejru.

Ketrin firxet liżar f'nofs il-għorfa u Sdejru qabad iċ-ċurniena mill-qranen u ferragħha f'kemm ili ngħid. Ħaġa tleqq feġġet f'nofs il-għorma taż-żerriegħa u Ketrin refgħet malajr ħatem tad-deheb u qegħdilu f'sebagħha. Wiċċha sar minn kull lewn, xoftejha ntebqu u b'għajnejha riedet tiekol lil Sdejru. "X'ġara?" qal il-ħuttab, "x'sibt?" "Sibt il-qoxra ta' wiċċek," qabżet hi. "Sibt li int bla ruħ għax ġibtli lura l-kittien li ħadt minn għandi. Ara tgħid lê. Mita mlejt diċ-ċurniena, tlift il-ħatem tat-tieġ u ma stajt insibu mkien. Hawn hu, feġġ fiż-żerriegħa li ferragħtli. Aqla' 'l barra, xbin, qabel ma nagħmel waħda minn tiegħi."

Sdejru tfixkel, imma ma riedx itiha b'mitlufa. Qabad irodd is-salib u jgerger: "Din waħda, dal-għodu, tassew li ma

tistax tagħmel ġid fid-dinja, ara biex tħallast wara li ħadt strappata sa Burmarrad! u Ġieżu Marija Ġież, aħjar tagħmilha max-xjaten inkella man-nisa." U baxx-baxx telaq il barra.

Ketrin marret warajh sal-bieb u ntasbet fuq qaddha fuq il-għatba, b'idejha mgħaqqdin ponn fuq ġenbha. "Saħħa xbin, ara qatt tersaq lejn dal-bieb", qaltlu, "nagħli għal dawk iż-żewġ skudi li tlift, jaħasra."

Ketrin u la għajtet u la tmasħnet, iżda l-biċċa ġriet u dawk tar-raħal, li ma għandhomx ħajta f'ilsienhom, ma kinux iħalluhielu ħelwa għal melħa; kull fejn kien jersaq kien jisma', jew b'ċajta, jew taħt ilsien, jew mit-tfal fil-bogħod: "Xi qabda kittien niksbu?"

Isma' l-lum u isma' għada, Sdejru ddejaq u f'qasir żmien ħalla r-raħal u mar igħammar band'oħra.

(L-ewwel Novella, IL-MALTI 1926)

Fost il-kitba ta' Sir Temi Zammit insejna nsemmu:

1. *L-ewwel għajnuna lil min ikorri,* miġjub bil-Malti mill-"First Aid to the Injured" maħruġ mis-St. John Ambulance Association. Ktieb ta' 244 paġina stampat fl-Empire Press fl-1934.

2. *First aid to help English residents in these Islands to get some knowledge of the Maltese Language*: ktejjeb żgħir ta' 24 paġina bi kliem bil-Malti mfisser bl-Ingliż u kif tippronunzjah. Stampat fl-1934.